MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-3 ta' April, 2006

Talba Numru. 521/2005

**Farmers (Wine) Cooperative Society Limited**
**vs**
**Jesmond u Rita konjugi Sant f'isimhom propju ezercitanti l-kummerc b'l-isem Save n' Smile Discount Store**

Numru
Talba Numru 521/2005

It-Tribunal

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet hlas tas-somma ta' tlett mija u hames liri Maltija u hamsa u hamsin centezmu (Lm305.55) rapprezentanti diversi prodotti ta' inbid mibjugha u konsenjati lill-konvenuti b'l-ispejjez u b'l-imghaxx.

Ra r-risposta tal-konvenuta Rita Sant li permezz taghha qalet li hi qatt ma ttrattat mal-ko-operativa attrici stante li l-hanut Save n’Smile Discount Store kien gestit mill-konvenut l-iehor Jesmond Sant.

Ra r-risposta tal-konvenut Jesmond Sant li permezz taghha rrileva li l-konvenuti ghaddejjin minn proceduri ta’ separazzjoni u qal li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u li minghajr pregudizzju kwalunkwe amount dovut ghandhu jinqasam nofs b’nofs bejn il-kontendenti billi huwa dejn tal-komunjoni ta’ l-akkwisti.

Ra x-xhieda mghotija minn Jesmond Sant u Rita Sant.

Ra l-affidavits ta’ Joseph Mallia u Rita Schembri u d-dokumenti l-ohra esibiti.

Sema t-trattazzjoni mid-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra

Mix-xhieda u dokumenti jirrizulta li s-socjeta attrici bieghet u kkonsenjat il-prodotti taghha lill-konvenuti li kienu jiggestixxu l-hanut Save n’ Smile Discount Store. L-istess socjeta attrici esebiet dokumenti li jindikaw li l-bilanc dovut fuq il-prodotti mibjugha jammonta ghal tlett mija u hames liri Maltija u hamsa u hamsin centezmu (Lm305.55). Dan l-ammont ma giex kontestat mill-konvenuti li fix-xhieda taghhom iffukaw biss fuq il-problemi personali ta’ bejniethom u fuq minn, f’l-opinjoni taghhom, kien fil-fatt jiggestixxi n-negozju.

Li hu zgur pero hu li n-negozju kien jappartjeni lill-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Sant. Irrizulta ukoll li minkejja d-disgwid ta’ bejn il-konvenuti fiz-

zmien li sar il-bejgh tal-prodotti li taghhom qed jintalab il-hlas il-komunjoni ta’ l-akkwisti kienet ghada veljanti bejn il-konvenuti. Konsegwentement iz-zewg konvenuti huma responsabbli in solidum ghad-dejn naxxenti min-negozju inkluz dak dovut lis-socjeta attrici.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu s-somma ta’ tlett mija u hames liri Maltija u hamsa u hamsin centezmu (Lm305.55) b’l-imghaxx u l-ispejjes kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------